MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 22/2006

Maureen Wood

vs

John Attard

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet illi:

Illi l-esponenti tinsab kreditriċi tal-konvenut fis-somma ta' sittin elf lira Maltin (Lm 60,000) rappreżentanti flejjes lilu mogħtija taħt pretensjonijiet foloz minn April 2005 sa Jannar 2006 .

Illi l-konvenut baqa' ma ħallasx din is-somma minkejja li ġie interpellat jagħmel dan permezz ta' ittra uffiċjali numru 61/06 u l-ittra numru 77/06, fl-ismijiet Maureen Wood –vs- John Attard.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-flejjes mogħtija lill-konvenut ġew mogħtija lilu taħt pretensjonijiet foloz; u

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' sittin elf lira Maltin (Lm 60,000).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 61/06 u l-ittra uffiċjali numru 77/06. bl-imgħax skond il-Liġi kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt in subizzjoni .

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Illi ma huwiex minnu illi l-attriċi għaddiet lill-esponenti xi flus taħt xi pretensjonijiet foloz;

2. Illi l-unika kuntrattazzjoni ta' flus li għaddiet bejn il-partijiet u li tista' twassal għal talba ta' ħlas lura, kienet dik konsistenti f'self tas-somma ta' għaxart elef lira Maltin (Lm 10,000) magħmul mill-attriċi lill-esponenti fl-1 ta' Gunju 2005 li, skond kif miftiehem bejn il-partijiet, kellha titħallas fi żmien sentejn, i.e. sa l-1 ta' Gunju 2007. F'dan il-kuntest kwalsiasi talba għal ħlas lura ta' din is-somma ta' l-Lm10,000 hija f'kull każ intempestiva.

3. Illi kull materja oħra li għaddiet bejn il-partijiet kienet biss u unikament ta' natura strettament personali u bl-ebda mod ma tista' qatt tinġieb bħala xi meritu tal-kawża odjerna;

4. Illi għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi in kwantu għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat il-verbal tagħha tas-16 ta' Gunju 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, u l-affidavits u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob li l-konvenut jiġi ordnat jirrifondilha s-somma ta' sittin elf lira maltija (Lm60,000) mogħtija lilu taħt pretensjonijiet foloz. Għal din it-talba l-konvenut wieġeb illi l-ammont ta' għaxart elef lira maltija (Lm10,000) kienu mislufa lilu għal żmien sentejn u allura t-talba għar-rifużjoni tagħhom kienet intempestiva. Fir-rigward tal-kumplament, imbagħad, isostni li dawn kienu mogħtija lilu għal raġunijiet personali u allura l-attriċi ma kellha ebda dritt titlob ir-rifużjoni tagħhom.

Ma hux meħtieġ li jiġu spjegati d-dettalji taċ-ċirkostanzi li wasslu lill-attriċi sabiex tgħaddi dawn il-flus lill-konvenut. Dan għaliex l-istess ċirkostanzi huma għal kollox irrilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża. Biżżejjed li jingħad hawnhekk li l-attriċi għaddiet dawn il-flus lill-konvenut matul iż-żmien li dawn kellhom relazzjoni anke intima bejniethom. Huwa kien jgħid lill-attriċi li kien jeħtieġ il-flus minħabba mard li kellu fil-familja, f'okkażżjoni minnhom biex jixtri għalqa, u f'okkażżjonijiet oħra biex iħallas dejn li kellu ma terzi. Jidher imma li l-konvenut kellu bżonn dawn il-flus biex jissodisfa lil terzi li kienu qed jirrikattawh.

Fi kwalunkwe każ pero, l-unika difiża tal-konvenut fir-rigward ta' l-ammont ta' għaxart elef lira maltjia, hija l-intempestivita ta' l-azzjoni. Kif jgħid fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, dan l-ammont ġie misluf lilu mill-attriċi fl-1 ta' Ġunju 2005 u kellu jitħallas lura fi żmien sentejn, mingħajr imgħax. Dwar dan is-self suppost li saret ukoll skrittura privata, li l-konvenut jgħid li kienet tinsab fil-pussess ta' l-attriċi. L-attriċi da parti tagħha tgħid li din l-iskrittura tilfitha. Madankollu l-modalitajiet ta' dan is-self ma ġew bl-ebda mod kontradetti minnha, u allura wieħed għandu jifhem illi dan kien tassew il-ftehim relattiv. Il-kawża odjerna ġiet intavolata fl-20 ta' Marzu 2006, u għalhekk ferm qabel l-iskadenza tas-sentejn stipulti f'dak

il-ftehim. L-eċċezzjoni ta' l-intempestivita' hija għalhekk ġustifikata. B'daqshekk pero' ma jfissirx li l-Qorti m'għandhiex xorta waħda tilqa' t-talba għar-rifużjoni ta' din is-somma ta' għaxart elef lira maltija (LM10,000) mislufa lill-konvenut. Minkejja li ż-żmien konċess lill-konvenut sabiex jirrifondi l-istess somma għalaq fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża, l-konvenut baqa' sa llum għadu ma rritornax dawn il-flus lill-konvenuta, u għalhekk dawn baqgħu dovuti. Kif ġie spjegat mill-qrati tagħna: "…*billi l-lum definitivament skada t-terminu għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni u d-dritt ta' l-attriċi li tesiġi l-ħlas immatura fil-mori ta' din il-kawża, l-Qorti qegħda xorta' waħda tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrifondi lill-attriċi s-somma mislufa*…" [1] Ikun ġust pero' li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż dwar din il-parti tat-talba għar-rifużjoni.

Fir-rigward imbagħad tal-ħamsin elf lira maltija (Lm50,000) l-oħra, l-konvenut, kif ġia ngħad, lanqas ma huwa qed jiċħad illi dawn ġew mgħoddija wkoll lilu mill-attriċi. Għalkemm fin-Nota ta' l-Osservazzjonijet responsiva tiegħu, il-konvenut jinsisti illi dawn tħallsu lilu bħala kumpens għal servizzi personali reżi lill-attriċi, u għalhekk din m'għandha l-ebda jedd titlobhomlu lura, fl-affidavit tiegħu jgħid inekwivokament illi dawn kienu **rigal,**[2] u fid-depożizzjoni tiegħu in kontro-eżami l-istess konvenut jerġa' jammetti, fuq domanda tal-legali ta' l-attriċi, illi dawn il-flus ġew mgħoddija bħala donazzjoni.[3] Imma kif tajjeb tissottometti l-attriċi fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha, skond l-artikolu 1753 (1) tal-Kodiċi Ċivili tagħna, donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku. L-unika eċċezzjoni li tagħmel il-liġi f'dan ir-rigward, hija meta din id-donazzjoni tkun waħda li l-valur tagħha jkun żgħir, meqjusa l-kondizzjoni tad-donanti u ċirkostanzi oħra.[4] Fil-każ tagħna żgur li din l-eċċezzjoni mhix applikabbli, tenut kont li l-attriċi kienet prattikament tat lill-konvenut il-flus kollha li kellha depożitati l-Bank. Ġialadarba l-konvenut

[1] Qorti tal-Magistrati (Civili) : Livia Muscat vs Johan Aquilina : 28.03.2003 ;

[2] ara affidavit tal-konvenut tal-15.06.2010 a fol. 119 tal-process .

[3] ara xhieda tieghu a fol. 147 .

[4] art. 1753(2)(a) tal-Kap. 16 .

ammetta li ma kien sar ebda att pubbliku dwar din id-donazzjoni, l-istess donazzjoni hija nulla f'għajnejn il-liġi u għalhekk ma jista' jkollha ebda validita', bil-konsegwenza li l-konvenut ma jista' jibqagħlu ebda raġuni valida għaliex jirrifjuta li jirrifondi anke dawn il-ħamsin elf lira maltija (LM50,000) lill-attriċi.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara li l-flejjes mogħtija lill-konvenut ġew mogħtija lilu taħt pretensjonijiet foloz, u

2. tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' sittin elf lira maltija (LM60,000) ekwivalenti llum għal mija disgħa u tletin elf, u tmien mitt euro (EUR 139,800).

Bl-imgħaxijiet fuq is-somma ta' għaxart elef lira maltija (Lm10,000) jew aħjar illum tlieta u għoxrin elf u tliet mitt euro (EUR 23,300) b'effett mill-iskadenza tad-data li fiha kellu jitħallas lura dan is-self, u ċioe' mill-ewwel (1) ta' Ġunju elfejn u sebgħa (2007), u fuq il-bilanċ b'effett mid-data ta' l-ittra uffiċċjali tas-26 ta' Jannar 2006.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal ħames sesti (5/6) mill-konvenut u sest (1/6) mill-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------